KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ppreżentati fit-22 ta' Marzu 2017 [1]

Kawża C-329/15

ENEA SA
vs
Prezes Urzędu Regulacji Energetyki

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Najwyższy (Qorti Suprema, il-Polonja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 107(1) TFUE – Għajnuna mill-Istat – Obbligu tal-provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni – Fornitur tal-elettriku li l-kapital tiegħu huwa tal-Istat – Kunċett ta' 'vantaġġ' – Żieda fid-domanda – Imputabbiltà lill-Istat – Miżura leġiżlattiva – Nuqqas ta' użu ta' riżorsi tal-Istat – Artikolu 108(3) TFUE – Implementazzjoni illegali ta' għajnuna mill-Istat – Effett dirett – Invokabbiltà mill-fornituri tal-elettriku suġġetti għall-obbligu tal-provvista – Sanzjoni pekunjarja f'każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu tal-provvista – Esklużjoni f'każ ta' eżekuzzjoni illegali ta' għajnuna mill-Istat"

I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mis-Sąd Najwyższy (qorti suprema, il-Polonja) tirrigwarda formalment l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE, iżda tirrigwarda wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE [2].

2. Din it-talba saret lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' tilwima bejn ENEA S.A. u l-President tal-Urzędu Regulacji Energetyki (l-Uffiċċju għall-Kontroll tal-Enerġija, il-Polonja, iktar 'il quddiem l-"URE"), fir-rigward tal-impożizzjoni, minn dan tal-aħħar, ta' sanzjoni pekunjarja fuq ENEA minħabba ksur tal-obbligu tagħha ta' provvista [3] tal-elettriku prodott flimkien mas-sħana permezz tal-koġenerazzjoni (iktar 'il quddiem l-"elettriku prodott mill-koġenerazzjoni").

3. Ma huwiex ikkontestat li ENEA ma osservatx l-obbligu ta' provvista tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li hija għandha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, ENEA sostniet li dan l-obbligu ta' provvista jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

4. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, jiena nikkunsidra li l-imsemmi obbligu ta' provvista ma jistax ikun ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, peress li l-vantaġġ li huwa jagħti lill-produtturi ta' dan it-tip ta' elettriku ma huwiex mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Ara l-punti 130 sa 141 ta' dawn il-konklużjonijiet.

3 Dwar il-klassifikazzjoni mhux bħala obbligu ta' xiri iżda bħala obbligu ta' provvista, ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

II. Il-kuntest ġuridiku

5. L-Artikolu 9a(8) tal-Ustawa Prawo Energetyczne (Liġi dwar l-Enerġija)[4], li ġie introdott permezz ta' emenda tal-4 ta' Marzu 2005[5], jistabbilixxi obbligu ta' xiri tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Skont din id-dispożizzjoni:

"Kumpannija tal-elettriku li tipproduċi jew tipprovdi l-elettriku u tbiegħu lill-utenti finali konnessi man-netwerk fit-territorju Pollakk għandha, skont kif iddefinit mid-dispożizzjonijiet adottati fir-rigward tal-paragrafu 10, tixtri [l-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni] li joriġina minn sorsi ta' enerġija marbuta man-netwerk li jinsab fit-territorju [tar-Repubblika] tal-Polonja."

6. Skont l-Artikolu 56(1)(1a) tal-Liġi dwar l-Enerġija:

"Kull persuna […] li ma tosservax l-obbligu tagħha ta' xiri ta' elettriku u sħana previst fl-Artikolu 9a(6) sa (8) għandha tkun suġġetta għal sanzjoni pekunjarja."

7. L-Artikolu 56(2) ta' din il-liġi jipprovdi:

"Is-sanzjoni pekunjarja prevista fil-paragrafu 1 hija applikata mill-President tal-URE".

8. L-Artikolu 56(2b) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"Ir-rikavat mis-sanzjonijiet pekunjarji applikati fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(1a), minħabba ksur tal-obbligi previsti fl-Artikoli 9a(1) u (6) sa (8), għandu jmur għal Narodowy Fundusz Ochrony Środowiska i Gospodarki Wodnej [Fond nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent u l-amministrazzjoni tal-ilma, il-Polonja]."

9. Għal dak li jirrigwarda s-sena 2006, il-kwota neċessarja għas-sodisfazzjon ta' dan l-obbligu ta' xiri kienet stabbilita mill-Artikolu 5(2) tar-rozporządzenie Ministra Gospodarki i Pracy z dnia 9 grudnia 2004 r. w sprawie szczegółowego zakresu obowiązku zakupu energii elektrycznej wytwarzanej w skojarzeniu z wytwarzaniem ciepła (Regolament ta' Implementazzjoni tal-Ministru tal-Ekonomija u tax-Xogħol dwar l-estent preċiż tal-obbligu ta' xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, tad-9 ta' Diċembru 2004[6], iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implementazzjoni").

10. Skont din id-dispożizzjoni, l-imsemmi obbligu ta' xiri kien meqjus issodisfatt jekk l-elettriku mixtri prodott minn sorsi magħquda ta' enerġija marbuta man-netwerk jew prodotti mill-impriża tal-elettriku kkonċernata mis-sorsi magħquda ta' enerġija tagħha stess, kien jirrappreżenta parti li tal-inqas hija ugwali għal 15 % għas-sena 2006 tal-bejgħ totali annwali ta' elettriku lill-klijenti li jixtru l-elettriku għall-bżonnijiet tagħhom stess.

III. It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. ENEA hija kumpannija rregolata mid-dritt privat li hija 100 % tal-Istat Pollakk li tipproduċi, tikkummerċjalizza u tbigħ l-elettriku.

12. B'deċiżjoni tas-27 ta' Novembru 2008, il-President tal-URE impona fuq ENEA sanzjoni pekunjarja fl-ammont ta' PLN 7594613.28 Zloty Pollakk (madwar EUR 2 011 813) minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni, matul is-sena 2006, tal-obbligu ta' xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni impost fuqha skont l-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija.

4 Dz. U. Nru 135, pożizzjoni 1144.

5 Dz. U. Nru 62, pożizzjoni 552.

6 Dz. U. Nru 267, pożizzjoni 2657.

13. Fil-fatt, matul is-sena 2006, il-kwantità ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni mixtri u mibjugħ mill-ġdid minn ENEA lill-klijenti li akkwistaw dan l-elettriku għall-bżonnijiet tagħhom stess tirrappreżenta biss 14.596 % tal-bejgħ totali tagħha lil tali klijenti, minflok 15 % kif impost mill-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni.

14. ENEA ppreżentat azzjoni kontra d-deċiżjoni tal-President tal-URE quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie – Sąd Ochrony Konkurencji i Konsumentów (qorti reġjonali ta' Varsavja – qorti tal-kompetizzjoni u tal-protezzjoni tal-konsumaturi).

15. B'sentenza tal-15 ta' Diċembru 2009, din il-qorti laqgħet din l-azzjoni ta' ENEA u annullat is-sanzjoni imposta. Madankollu din is-sentenza kienet annullata mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie (qorti tal-appell ta' Varsavja, il-Polonja) b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 2010.

16. Wara din is-sentenza, is-Sąd Okręgowy w Warszawie – Sąd Ochrony Konkurencji i Konsumentów ċaħdet l-azzjoni ta' ENEA b'sentenza tas-27 ta' Settembru 2011, li madankollu kienet annullata wkoll mis-Sąd Apelacyjny w Warszawie f'sentenza tad-29 ta' Mejju 2012.

17. Wara li eżaminat il-kawża prinċipali għat-tielet darba, is-Sąd Okręgowy w Warszawie – Sąd Ochrony Konkurencji i Konsumentów ċaħdet mill-ġdid l-azzjoni ta' ENEA b'sentenza tal-10 ta' Diċembru 2012.

18. B'sentenza tal-appell mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2013, is-Sąd Apelacyjny w Warszawie naqqset is-sanzjoni pekunjarja imposta fuq ENEA għal PLN 3 600 000 (madwar EUR 860 760) fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali kif ukoll tal-grad tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu inkwistjoni.

19. Ir-rikorrenti ppreżentat appell tal-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, li għamlet l-osservazzjonijiet li ġejjin.

20. Ma huwiex ikkontestat mill-partijiet fil-kawża li ENEA ma osservatx l-obbligu previst mill-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija matul is-sena 2006. It-tilwima fil-proċedura ta' kassazzjoni tirrigwarda mill-banda l-oħra l-legalità tal-applikazzjoni ta' sanzjoni pekunjarja skont l-Artikolu 56(1)(1a) tal-Liġi dwar l-Enerġija minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu previst mill-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija.

21. L-obbligu ta' xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni ma jimplikax li impriża bħal ENEA għandha taċċetta l-offerti kollha ta' bejgħ ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, irrispettivament mill-volum, mill-prezz jew minn parametri oħra. Tali impriża għandha tbigħ lill-utenti finali kwota minima ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, stabbilita għal 15 % tal-kwantitajiet mibjugħa lil tali utenti għas-sena 2006. Din il-kwota tista' tintlaħaq, minn naħa waħda, mill-produzzjoni ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni fi ħdan l-istess impriża jew, min-naħa l-oħra, mix-xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni mingħand produtturi terzi.

22. F'każ ta' akkwist mingħand produtturi terzi, il-prezz tal-akkwist tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni kien stabbilit mill-partijiet tal-ftehim, jiġifieri l-impriża suġġetta għall-obbligu ta' xiri u l-produttur ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, mingħajr intervent estern.

23. Madankollu, il-President ta' URE għandu s-setgħa li jistabbilixxi, waqt l-approvazzjoni tar-rata prattika għal kull kumpannija tal-elettriku, il-livell tal-prezz tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li huwa jikkunsidra bħala spiża raġonevoli fil-kalkolu tal-prezz massimu li jista' jintalab waqt il-bejgħ tal-elettriku lill-utenti finali.

24. Il-kumpanniji tal-elettriku li għandhom jixtru l-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, kienu jixtruh kultant bi prezz inqas għal dak ikkunsidrat bħala spiża raġonevoli mill-President tal-URE. Madankollu, dan japplika wkoll għal dawk il-kumpanniji li jixtru l-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni bi prezz ogħla għal dak Ikkunsidrat bħala spiża raġonevoli mill-President tal-URE, u anki ogħla mill-prezz ta' bejgħ lill-konsumatur finali stabbilit fit-tariffa tal-impriża inkwistjoni, kif approvata mill-President tal-URE.

25. B'hekk, diversi kumpanniji tal-elettriku li ma eżegwewx l-obbligu previst fl-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija, bħal ENEA fit-tilwima tal-kawża prinċipali, kienu ċaħdu offerti ta' bejgħ ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni bi prezz sostanzjalment ogħla mil-livell meħud inkunsiderazzjoni mill-President tal-URE waqt l-approvazzjoni tat-tariffa tagħhom.

26. Barra minn hekk, fil-mument tal-fatti rilevanti għat-tilwima tal-kawża prinċipali, fis-suq tal-elettriku tal-Polonja kien jeżisti nuqqas ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Dan in-nuqqas wassal lil President tal-URE jimplementa diversi soluzzjonijiet intiżi sabiex ikabbru artifiċjalment il-volum ta' dan l-elettriku, bħal ftehimiet ta' bejgħ tal-elettriku konvenzjonali inkambju għal elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

27. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li s-soluzzjoni tat-tilwima tal-kawża prinċipali tiddependi b'mod partikolari mill-klassifikazzjoni, fid-dawl tal-Artikolu 107 TFUE, tal-obbligu ta' xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija. Jekk dan l-obbligu kellu jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, hija tippreċiża li din is-sistema ma kinitx suġġetta għal notifika lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 108(3) TFUE.

28. Din il-qorti tippreċiża li hija tinterpreta l-Artikolu 107 TFUE fis-sens li l-imsemmi obbligu ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat għar-raġuni li dan ma jinvolvix l-użu ta' riżorsi tal-Istat, kuntrarjament għal dak pretiż minn ENEA, u f'dan ir-rigward hija tirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [7].

29. Huwa f'dan il-kuntest li s-Sąd Najwyższy (qorti suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 107 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu ta' xiri [tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni] kif stabbilit [mil-leġiżlazzjoni nazzjonali] jikkostitwixxi għajnuna pubblika?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 107 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpannija tal-elettriku, trattata bħala emanazzjoni ta' Stat Membru li kienet obbligata tissodisfa l-obbligu kklassifikat bħala għajnuna pubblika, tista' tinvoka ksur tal-imsemmi artikolu quddiem qorti nazzjonali?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel żewġ domandi, l-Artikolu 107 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) TUE għandu jiġi interpretat fis-sens li n-nuqqas ta' konformità tal-obbligu li joħroġ mil-liġi nazzjonali mal-Artikolu 107 TFUE jeskludi l-possibbiltà li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq impriża li naqset milli tissodisfa dan l-obbligu?"

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

30. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-3 ta' Lulju 2015.

7 Sentenzi tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160); tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294); tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413), u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851).

31. ENEA, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

32. ENEA, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni dehru fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2017 sabiex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom.

V. Analiżi

33. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandux jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

34. Iż-żewġ domandi l-oħra saru biss fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta affermattiva għall-ewwel domanda. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'mod negattiv għal din l-ewwel domanda, fis-sens li l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Madankollu, sabiex inkun eżawrjenti, jiena se neżamina fil-qosor, iż-żewġ domandi l-oħra fl-aħħar tal-espożizzjoni tiegħi.

A. Fuq l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat (l-ewwel domanda)

35. Mingħajr preġudizzju għad-derogi previsti mit-Trattati, l-Artikolu 107(1) TFUE jiddikjara inkompatibbli mas-suq intern, sa fejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, l-għajnuna mogħtija mill-Istati jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li twassal għal distorsjoni jew thedded li twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija.

36. Skont ġuriprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE tippreżumi li jkunu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' intervent mill-Istat jew[8] permezz ta' riżorsi tal-Istat, li dan l-intervent jista' jolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, li jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li jwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni[9].

37. Sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-kundizzjonijiet humiex issodisfatti fiċ-ċirkustanzi tat-tilwima tal-kawża prinċipali, għandhom jiġu identifikati bi preċiżjoni l-karatteristiċi tas-sistema nazzjonali inkwistjoni f'din it-tilwima.

1. Fuq il-karatteristiċi tal-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali

38. Formalment, l-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija jistabbilixxi obbligu ta' xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Madankollu, nirrileva li l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implementazzjoni jagħti l-possibbiltà li kumpannija tal-elettriku bħal ENEA tissodisfa dan l-obbligu mhux billi tixtri, iżda billi tipproduċi hija stess l-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, kif ikkonfermat mill-qorti tar-rinviju[10]. Għalhekk, jidhirli li dan l-obbligu għandu jkun ikklassifikat mhux bħala obbligu ta' xiri iżda bħala obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

8 Fuq in-natura kumulattiva tal-kundizzjonijiet tal-imputabbiltà u tal-użu ta' riżorsi tal-Istat, ara l-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs Hansestadt Lübeck (C-524/14 P, EU:C:2016:971, punt 40).

10 Ara l-punt 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39. Skont l-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija, dan l-obbligu ta' provvista huwa impost fuq il-kumpanniji tal-elettriku kollha li jipproduċu jew jipprovdu l-elettriku u jbigħuh lill-utenti finali konnessi man-netwerk fit-territorju Pollakk (iktar 'il quddiem il-"fornitur tal-elettriku").

40. L-imsemmi obbligu jikkonsisti, għal kull fornitur tal-elettriku, li jipprovdi elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li jifforma 15 % tal-kwantità ta' elettriku mibjugħ lill-utenti finali matul is-sena. Fi kliem ieħor, 15 % tal-elettriku mibjugħ kull sena lill-utenti finali għandu joriġina minn elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

41. Il-President tal-URE għandu s-setgħa li jimponi sanzjoni pekunjarja fuq kull fornitur tal-elettriku li ma jissodisfax l-obbligu tiegħu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. It-tilwima tal-kawża prinċipali tirrigwarda preċiżament is-sanzjoni pekunjarja li l-President tal-URE impona fuq ENEA f'dan ir-rigward.

42. Għandu jiġi enfasizzat ukoll li x-xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni ma huwa suġġett għal ebda regola. B'mod partikolari, il-prezz tax-xiri huwa miftiehem b'mod liberu mill-partijiet tat-tranżazzjoni, mingħajr ma huwa suġġett għal xi livell jew limitu impost mill-awtoritajiet pubbliċi.

43. Madankollu, il-prezz massimu li jista' jintalab waqt il-bejgħ tal-elettriku lill-utenti finali għandu jkun suġġett, għal kull fornitur tal-elettriku, għal approvazzjoni mill-President tal-URE, kif ippreċiżat mill-qorti tar-rinviju [11].

44. B'hekk, l-azzjoni tal-Istat Pollakk fis-suq tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni huwa limitat għaż-żewġ interventi li ġejjin:

– minn naħa, l-istabbiliment ta' obbligu ta' provvista impost fuq il-forniturituri tal-elettriku, u

– min-naħa l-oħra, id-determinazzjoni ta' prezz massimu għall-bejgħ tal-elettriku lill-utenti finali, li jista' jkollu l-effett li jillimita l-kapaċità tal-forniturituri tal-elettriku li jirkupraw l-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu ta' provvista mingħand dawn l-utenti.

45. F'dan ir-rigward, nenfasizza wkoll li l-forniturituri tal-elettriku li għandhom l-obbligu ta' provvista huma impriżi rregolati mid-dritt privat li għandhom skop lukrattiv, inklużi l-forniturituri – bħal ENEA –, li l-kapital tagħhom huwa fil-maġġor parti tal-Istat.

46. Għal dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari ċ-ċirkustanzi tat-tilwima fil-kawża prinċipali, mill-elementi tal-proċess ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jirriżultax li d-deċiżjonijiet ta' ENEA huma ddominati minn kunsiderazzjonijiet oħra għajr dik tal-interess kummerċjali tagħha.

47. F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet bil-miktub u orali tagħha ENEA esponiet li matul is-sena 2005 hija kienet ikkonkludiet żewġ kuntratti ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li kellhom jippermettulha tilħaq il-limitu ta' 15 % impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali Pollakka għas-sena 2006, iżda dawn il-kuntratti kienu eżegwiti biss parzjalment minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi partikolarment moderati li l-Polonja kellha matul dan il-perijodu [12].

48. Madankollu, ENEA ammettiet ukoll li matul is-sena 2006 kienet irrifjutat diversi offerti ta' bejgħ ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li l-prezz tagħhom kien 46 % sa 75.6 % ogħla mill-prezz medju tal-elettriku fis-suq kompetittiv. Barra minn hekk, ENEA spjegat li s-sanzjoni pekunjarja li hija s-suġġett tal-proċedura prinċipali kienet imposta fuqha minħabba d-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta dawn l-offerti ta' bejgħ.

11 Ara l-punti 23 sa 25 ta' dawn il-konklużjonijiet.

12 Peress li dan it-tip ta' elettriku huwa prodott b'mod konġuntiv mas-sħana, tnaqqis fid-domanda għas-sħana jimplika tnaqqis fil-provvista tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

49. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, qabelxejn, li minkejja li l-kapital tagħha huwa kollu tal-Istat, l-awtonomija tar-rikorrenti ma kinitx limitata mill-awtoritajiet pubbliċi, li ma jagħtu l-ebda struzzjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Din il-qorti rrilevat, imbagħad, li l-aġir ta' ENEA fis-suq bl-ebda mod ma huwa affettwat mill-aġir ta' entitajiet ikkontrolloti minn kapital privat, li juri b'mod partikolari r-rifjut tal-offerti ta' bejgħ hawn fuq imsemmija peress li l-prezz tagħhom huwa kkunsidrat bħala eċċessiv minn ENEA. Fl-aħħar nett, l-imsemmija qorti ppreċiżat li ENEA topera taħt il-forma ta' kumpannija anonima u kienet ittrattata l-istess bħal kull impriża oħra privata fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni.

50. Huwa fir-rigward ta' dawn il-karatteristiċi li jiena ser neżamina l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, billi neżamina suċċessivament l-osservanza tar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 36 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fl-opinjoni tiegħi, is-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha bl-eċċezzjoni ta' dik relatata mal-użu tar-riżorsi tal-Istat, u b'hekk il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat hija eskluża.

2. Fuq l-eżistenza ta' vantaġġ selettiv

51. Skont ġurisprudenza stabbilita, interventi li, taħt kwalunkwe forma li tkun, jistgħu jiffavorixxu direttament jew indirettament l-impriżi jew li għandhom jiġu kkunsidrati bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinetx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq għandhom jiġu kkunsidrati bħala għajnuna [13].

52. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx dwar din il-kundizzjoni fis-sentenza Association Vent De Colère! *et* li tirrigwarda obbligu ta' xiri ta' elettriku li ġej mir-riħ akkumpanjat minn mekkaniżmu ta' kumpens tal-ispejjeż li jirriżultaw minn dan l-obbligu [14].

53. Barra minn hekk, fis-sentenza PreussenElektra, hija ttrattat biss fil-qosor din il-kundizzjoni. Fil-fatt, fil-punt 54 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li ma huwiex ikkontestat li obbligu ta' xiri, *bi prezzijiet minimi*, tal-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu jagħti vantaġġ ekonomiku ċert lill-produtturi ta' dan it-tip ta' elettriku, peress li dan jiggarantixxilhom, mingħajr ebda riskju, qligħ akbar minn dak li huma jagħmlu mingħajru. F'dan ir-rigward, infakkar li l-prezzijiet minimi stabbiliti mill-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ogħla mill-valur ekonomiku ta' dan it-tip ta' elettriku [15].

54. F'tali kuntest, huwa evidenti li l-impriżi li jipproduċu l-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu jirċievu vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li għandhom garanzija ta' bejgħ bi prezz ogħla mill-valur reali tal-produzzjoni tagħhom.

55. Madankollu, iċ-ċirkustanzi tat-tilwima tal-kawża prinċipali huma distinti minn dawk li taw lok għas-sentenza PruessenElektra minħabba n-nuqqas ta' prezz minimu għax-xiri tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, kif ippreċiżajt fil-punt 42 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għalhekk, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina jekk sempliċi obbligu ta' provvista jagħtix vantaġġ lill-produtturi tal-prodott previst minn dan l-obbligu.

56. Jidhirli li ma huwiex ikkontestat li dan huwa effettivament il-każ.

57. Huwa minnu li, il-vantaġġ mogħti minn obbligu ta' provvista huwa inqas immedjat minn meta dan ikun akkumpanjat minn prezz minimu ogħla mill-valur ekonomiku tal-prodott previst.

13 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013 (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 15).

15 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 (C-379/98, EU:C:2001:160, punt 56).

58. Madankollu, l-effett prattiku ta' tali obbligu ta' provvista huwa li jipprovoka tkabbir tad-domanda għall-prodott previst li ma jistax jintlaħaq fil-kundizzjonijiet normali tas-suq tal-elettriku Pollakk.

59. Għalhekk, tali stimolu tad-domanda għall-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni jagħti vantaġġ lill-produtturi ta' dan l-elettriku. Fil-fatt, tkabbir tad-domanda għal merkanzija twassal kemm għaż-żieda tal-kwantità tal-merkanzija mibjugħa kif ukoll għaż-żieda tal-prezz tal-bejgħ ta' din il-merkanzija [16]. B'mod iktar konkret, l-obbligu ta' provvista jtejjeb il-pożizzjoni tal-innegozjar tal-produtturi tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, peress li l-klijenti potenzjali tagħhom huma marbuta li jixtru ċerta kwantità tal-elettriku li huma jipproduċu.

60. Din hija, essenzjalment, il-kritika li ENEA tagħmel lill-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li dan l-obbligu jippermetti lill-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni li jeħtieġu prezz ta' xiri ogħla mill-valur ekonomiku ta' dan it-tip ta' elettriku u kultant ogħla mill-prezz massimu ta' bejgħ lill-utenti finali impost mill-President tal-URE [17].

61. B'hekk billi jibdel il-kundizzjonijiet normali tas-suq għall-benefiċċju tal-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, l-obbligu ta' provvista jagħti lil dawn tal-aħħar vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

62. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dubju li dan il-vantaġġ huwa selettiv, kif jeħtieġ l-Artikolu 107(1) TFUE [18], peress li jiffavorixxi biss il-produzzjoni ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

3. Fuq l-imputabbiltà tal-vantaġġ lill-Istat Pollakk u l-assenza ta' użu ta' riżorsi tal-Istat

63. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex vantaġġi jkunu jistgħu jikklassifikaw bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huma għandhom, minn naħa waħda, jingħataw direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat, u min-naħa l-oħra, ikunu imputabbli lill-Istat. B'hekk, l-espressjoni "għajnuna mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat" kienet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala li timplika żewġ kundizzjonijiet kumulattivi li jipprevedu, rispettivament, il-finanzjament tal-vantaġġ mogħti, li għandu jkun ġej minn riżorsi tal-Istat, u d-deċiżjoni tal-għoti ta' dan il-vantaġġ, li għandha tkun imputabbli lill-Istat [19].

64. Fil-kuntest ta' din il-kawża, ENEA u l-Kummissjoni jikkunsidraw li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma ssodisfatti. Il-Gvern Pollakk jargumenta li ebda waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma hija ssodisfatta.

65. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, jiena nikkunsidra li l-għoti tal-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa imputabbli lill-Istat Pollakk, iżda ma jimplikax l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

a) Fuq l-intervent ta' korpi distinti tal-Istat

66. Din il-kawża tirrigwarda l-għoti ta' vantaġġ li jimplika l-intervent ta' korpi distinti tal-Istat, jiġifieri il-forniturі tal-elettriku li għandhom l-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

16 Għal deskrizzjoni klassika tal-effetti taż-żieda tad-domanda għal merkanzija partikolari, ara A. Paul, Samuelson, P. A., u Nordhaus, W. D., *Economics*, McGraw-Hill Higher Education, 2009, 19-il Edizzjoni, p. 55 u 56.

17 Ara l-punt 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata); digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás (C-275/13, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2314, punt 21). Ara, wkoll, Bacon, K., *European Union Law of State Aids*, OUP, Oxford, 2013, it-2 Edizzjoni, Nru 2.96 *et seq*; J.J. Piernas López, *The Concept of State Aid Under EU Law*, OUP, Oxford, 2015, Kapitolu 6.

67. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn il-każijiet fejn l-għajnuna tingħata direttament mill-Istat u dawk fejn tingħata bl-intervent ta' korp pubbliku jew privat, maħtur u stabbilit minn dak l-Istat [20].

68. L-inklużjoni ta' vantaġġi mogħtija bl-intervent ta' korpi distinti tal-Istat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE hija ġustament intiża, sabiex iżżomm l-effett utili tal-projbizzjoni tal-għajuna mill-Istat. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li d-dritt tal-Unjoni ma jistax jaċċetta li l-fatt waħdu li jinħolqu istituzzjonijiet awtonomi responsabbli mid-distribuzzjoni ta' għajnuna jippermetti li jiġu evitati r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat [21]. Fi kliem ieħor, din il-ġurisprudenza hija intiża sabiex tiġġieled riskju ta' nuqqas ta' inklużjoni.

69. Madankollu, id-deċiżjoni li jiġu inklużi l-vantaġġi mogħtija bl-intervent ta' korpi distinti tal-Istat twassal għal riskju partikolari ta' inklużjoni żejda, fir-rigward ta' vantaġġi li ma humiex imputabbli lill-Istat jew li ma jimplikawx l-użu tar-riżorsi tal-Istat. B'mod partikolari, għandu jitfakkar l-ispirtu li vantaġġi li l-għoti tagħhom huwa proprju magħmul obbligatorju mill-Istat iżda ma jimplikawx l-użu tar-riżorsi tal-Istat ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat [22].

70. Fil-kuntest ta' vantaġġi mogħtija minn korpi distinti tal-Istat, l-interpretazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' imputabbiltà lill-Istat u tal-użu ta' riżorsi tal-Istat hija intiża għalhekk sabiex tistabbilixxi punt ta' bilanċ bejn dawn ir-riskji ta' nuqqas ta' inklużjoni u ta' inklużjoni żejda. Huwa fid-dawl ta' din il-problematika li ser neżamina dawn iż-żewġ kundizzjonijiet fiċ-ċirkustanzi tat-tilwima tal-kawża prinċipali.

b) L-għoti tal-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa imputabbli lill-Istat Pollakk

71. Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-imputabblità tal-miżura, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu bħala li kienu involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura [23].

72. F'dan ir-rigward, kif jargumentaw ENEA u l-Kummissjoni, l-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni kien stabbilit minn dispożizzjoni leġiżlattiva, jiġifieri l-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa għandu għalhekk jiġi kkunsidrat bħala imputabbli lill-Istat [24].

73. Il-Gvern Pollakk ikkontesta din l-imputabbiltà billi enfasizza li l-elementi essenzjali tax-xiri ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni huma stabbiliti mill-partijiet għal din it-tranżazzjoni, taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, mingħajr intervent tal-Istat.

74. Dan l-argument donnu ġej minn identifikazzjoni żbaljata tal-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Huwa minnu li, l-Istat Pollakk ma rregolax direttament il-kundizzjonijiet – b'mod partikolari l-prezz tal-bejgħ – li fihom saru l-akkwisti ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Konsegwentement, dawn it-tranżazzjonijiet twettqu "fil-kundizzjonijiet tas-suq" tal-elettriku, kif jallega dan l-Istat.

20 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Marzu 1977, Steinike & Weinlig (78/76, EU:C:1977:52, punt 21) u tal-15 ta' Lulju 2004, Pearle *et* (C-345/02, EU:C:2004:448, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 23).

22 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 1978, van Tiggele (82/77, EU:C:1978:10, punti 24 sa 26) u tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160, punti 59 sa 61).

23 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 17)u d-digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás (C-275/13, mhux ippublikat, EU:C:2014:2314, punt 22).

24 Ara f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 18) u d-digriet tat-22 ta' Ottubru 2014, Elcogás (C-275/13, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2314, punt 23).

75. Madankollu, il-vantaġġ mogħti mill-obbligu ta' provvista jinsab preċiżament fit-tibdil tal-kundizzjonijiet tas-suq tal-elettriku, u b'mod iktar partikolari fiż-żieda tad-domanda għall-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni [25]. Ma huwiex ikkontestat li dan it-tibdil huwa pprovokat mill-obbligu ta' provvista previst fl-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija u, għalhekk, huwa imputabbli lill-Istat Pollakk.

76. Fi kliem ieħor, il-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ngħatax spontanjament mill-fornituri tal-elettriku lill-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, iżda jirriżulta minn atti leġiżlattivi u regolatorji li ġejjin mill-Istat Pollakk. F'dan is-sens, jidhirli li ma huwiex ikkontestat li l-għoti ta' dan il-vantaġġ huwa imputabbli lil dan l-Istat.

77. Madankollu, għad irid jiġi vverifikat jekk l-għoti tal-imsemmi vantaġġ huwiex iffinanzjat minn riżorsi tal-Istat.

c) L-għoti tal-vantaġġ inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali ma jimplikax l-użu ta' riżorsi tal-Istat

78. ENEA u l-Kummissjoni allegaw li l-vantaġġ mogħti lill-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni kien iffinanzjat minn riżorsi tal-Istat.

79. Madankollu, jiena konvint li dan il-vantaġġ ma kienx iffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat, kif ġustament isostni l-Gvern Pollakk. Fil-fatt, fl-opinjoni tiegħi, iċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali huma komparabbli, fid-dawl tal-kunċett tal-għajnuna mill-Istat, għal dawk li taw lok għas-sentenza PreussenElektra [26].

80. F'dan ir-rigward, u kif ser nesponi iktar 'il quddiem [27], jidhirli li huwa partikolarment importanti li ma jsirx qari formalistiku u selettiv tas-sentenza Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa Stardust Marine (iktar 'il quddiem "is-sentenza jew il-ġurisprudenza Stardust Marine") [28] li jista' jwassal għal estensjoni kunsiderevoli tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat.

1) Fuq l-assenza ta' użu ta' riżorsi mill-Istat

81. Kif spjegajt fil-punti 58 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-vantaġġ li minnu jibbenefikaw il-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni jikkonsisti fiż-żieda tat-talba li tirriżulta mill-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li huwa intiż sabiex iżid il-volum tal-bejgħ u/jew il-prezz tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' elettriku.

82. Hemm lok li jiġi stabbilit jekk dan il-vantaġġ huwiex mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat.

83. Inqis li dan ma huwiex il-każ. Fil-fatt, jiena nqis li tali vantaġġ huwa mogħti permezz ta' trasferiment ta' riżorsi bejn persuni privati. B'mod iktar partikolari, dan il-vantaġġ huwa mogħti għad-detriment ta' produtturi ta' tipi oħra ta' elettriku – peress li dawn ser ibigħu l-elettriku tagħhom f'inqas kwantità jew bi prezz orħos – u ta' fornituri tal-elettriku – peress li dawn għandhom jakkwistaw l-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni bi prezz ogħla mill-prezz tal-bejgħ tal-elettriku offrut mill-produtturi ta' tipi oħra ta' elettriku.

25 Ara l-punti 58 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 (C-379/98, EU:C:2001:160).

27 Ara l-punti 89 sa 104 ta' dawn il-konklużjonijiet.

28 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

84. Fi kliem ieħor, il-vantaġġ mogħti mill-Istat Pollakk lill-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni huwa "ffinanzjat" mill-produtturi ta' tipi oħra ta' elettriku u mill-fornituri tal-elettriku.

85. Dan ir-raġunament huwa kkonfermat mill-punt 59 tas-sentenza PreussenElektra, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-obbligu, impost fuq impriżi privati ta' provvista ta' elettriku, li jixtru, bi prezzijiet minimi fissi l-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu ma jwassal għal ebda trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat lill-impriżi li jipproduċu dan it-tip ta' elettriku. Bħall-vantaġġ inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali, il-vantaġġ eżaminat f'dik is-sentenza wkoll kien iffinanzjat minn operaturi privati [29].

86. Għalhekk, kemm fiċ-ċirkustanzi tat-tilwima tal-kawża prinċipali kif ukoll f'dawk li taw lok għas-sentenza PreussenElektra, l-impriżi suġġetti għall-obbligu ta' provvista ma humiex mandatarji tal-Istat sabiex jamministraw ir-riżorsi tal-Istat, iżda għandhom obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess [30].

87. ENEA u l-Kummissjoni ppruvaw jiddistingwu ċ-ċirkustanzi tal-kawża Preussen Elektra minn dawk ta' din il-kawża, billi bbażaw l-argument tagħhom fuq is-sehem maġġoritarju tal-Istat Pollakk fil-kapital ta' diversi mill-forniturі tal-elettriku suġġetti għall-obbligu ta' provvista previst fl-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija [31].

88. Għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, jiena nikkunsidra madankollu li dan l-argument għandu jkun miċħud.

2) Fuq is-sehem maġġoritarju tal-Istat fil-kapital ta' wħud mill-forniturі ta' elettriku

89. Skont l-argumenti mqajma minn ENEA u l-Kummissjoni, il-fatt li l-Istat għandu sehem maġġoritarju fil-kapital ta' diversi forniturі ta' elettriku waħdu huwa suffiċjenti sabiex ibiddel ir-riżorsi ta' dawn il-forniturі f'riżorsi tal-Istat, skont kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 33 sa 38 tas-sentenza Stardust Marine [32].

90. F'dan ir-rigward, ENEA ppreċiżat li matul is-sena 2006, l-impriżi kkontrollati mill-Gvern Pollakk kellhom iktar minn 80 % tas-suq tal-bejgħ tal-elettriku lill-utenti finali u kienu xtraw iktar minn 85 % tal-elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

91. Ma nistax naqbel ma' dan ir-raġunament. Fl-opinjoni tiegħi, il-fatt li l-Istat Pollakk kellu l-parti l-kbira tal-kapital ta' forniturі ta' elettriku ma huwiex suffiċjenti, waħdu, sabiex ikun ikkonstatat l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

92. B'mod iktar preċiż, l-interpretazzjoni tas-sentenza Stardust Marine [33] proposta mill-Kummissjoni tagħmel, fl-opinjoni tiegħi, qari formalistiku u selettiv li jiżola ċerti punti ta' dik is-sentenza mingħajr ma jieħu inkunsiderazzjoni la l-eżempju suġġett għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dik il-kawża, u lanqas ir-raġunament żviluppat fil-bqija ta' dik is-sentenza.

29 Ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, PreussenElektra (C-379/98, EU:C:2001:160, punti 17 sa 22 u 56).

30 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punt 74) u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 34 u 35).

31 Jekk l-impriżi li għandhom l-obbligu ta' provvista f'din il-kawża huma fil-parti l-kbira miżmuma mill-Istat, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2001, Preussen Elektra (C-379/98, EU:C:2001:160, punt 55), dawn kienu fil-parti l-kbira miżmuma minn operaturi privati.

32 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

33 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

93. Fil-fatt, u fl-ewwel lok, l-imsemmija sentenza [34] tipprevedi każ speċifiku ħafna, jiġifieri dak ta' vantaġġ finanzjarju mogħti lil impriża privata (Stardust Marine) minn impriża privata oħra (Crédit Lyonnais u s-sussidjarji tagħha), li l-kapital tagħhom kien fil-parti l-kbira tal-Istat u li l-Istat kien uża bħala l-id finanzjarja tiegħu.

94. B'hekk, dan il-każ jipprevedi l-eżerċizzju mill-Istat tas-setgħa ta' kontroll mogħti lilu mill-istatus ta' azzjonist maġġoritarju f'impriża privata. Kif irrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 38 tal-istess sentenza, "l-Istat huwa perfettament fil-pożizzjoni li jorjenta, billi jeżerċita l-pożizzjoni dominanti tiegħu fuq tali impriżi, l-użu tar-riżorsi tagħhom sabiex jiffinanzja, jekk hemm bżonn, vantaġġi speċifiċi favur ċerti impriżi".

95. Madankollu, din il-kawża tirrigwarda każ ferm distint minn dak ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja f'din l-aħħar sentenza, jiġifieri dak ta' vantaġġ previst minn leġiżlazzjoni b'portata ġenerali. Fi kliem ieħor, is-setgħa ta' kontroll tal-Istat bħala azzjonist maġġoritarju, imsemmija fil-punt 38 tas-sentenza Stardust Marine [35], ma hijiex rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża, peress li l-vantaġġ huwa mogħti permezz tal-eżerċizzju tas-setgħa leġiżlattiva tal-Istat.

96. Din l-assenza ta' rilevanza tas-setgħa ta' kontroll tal-Istat bħala azzjonist maġġoritarju hija kkorroborata mill-fatt li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tapplika irrispettivament għall-forniturі ta' elettriku li l-kapital tagħhom huwa fil-parti l-kbira tal-Istat kif ukoll għal dawk li l-kapital tagħhom huwa fil-parti l-kbira ta' operaturi privati, l-istess bħal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża Preussen Elektra.

97. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nikkunsidra li r-raġunament magħmul mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Stardust Marine [36] ma japplikax fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, peress li dik is-sentenza tirrigwarda każ distint minn dak suġġett għall-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' din il-kawża.

98. Fit-tieni lok, u jekk jiġi preżunt li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li r-raġunament żviluppat fis-sentenza Stardust Marine [37] japplika għaċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat espressament fil-punti 50 u 51 ta' dik is-sentenza, li s-sehem maġġoritarju tal-Istat fil-kapital ta' impriża ma huwiex sufiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li l-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà, li jiena eżaminajt fit-taqsima preċedenti, hija ssodisfatta [38].

99. Fil-fatt, f'tali każ, l-imputabbiltà tal-vantaġġ lill-Istat għandha tintwera billi jiġi stabbilit l-eżerċizzju effettiv mill-Istat tas-setgħa ta' kontroll mogħtija lilu mill-istatus ta' azzjonist maġġoritarju, kif ippreċiżat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 52 tal-imsemmija sentenza. F'dan ir-rigward, nenfasizza li l-implikazzjoni konkreta tal-awtoritajiet pubbliċi prevista mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 52 sa 56 tal-istess sentenza tirriżulta mill-eżerċizzju mhux tas-setgħa leġiżlattiva, iżda mis-setgħa ta' kontroll mogħti mill-istatus ta' azzjonist maġġoritarju.

100. Fil-kuntest tat-tilwima tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju enfasizzat espressament il-fatt li l-aġir ta' ENEA ma kienx influwenzat minn struzzjonjiet tal-awtoritajiet pubbliċi. B'mod iktar ġenerali, u kif spjegajt fil-punti 45 sa 49 ta' dawn il-konklużjonijiet, mill-elementi tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-aġir ta' ENEA, u b'mod partikolari d-deċiżjoni ta' rifjut tal-offerti ta' bejgħ ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni matul is-sena 2006, kien jirriżulta minn deċiżjonijiet kummerċjali meħuda b'awtonomija sħiħa minn impriża rregolata mid-dritt privat.

34 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

35 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

36 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

37 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

38 Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2014, Commerz Nederland (C-242/13, EU:C:2014:2224, punt 31).

101. Fir-realtà, l-eżistenza nnifisha tat-tilwima tal-kawża prinċipali bejn ENEA u l-Istat Pollakk turi *ab absurdo* li din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta, peress li ENEA ma ssodisfatx l-obbligu tagħha ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, u dan kontra l-volontà tal-Istat Pollakk.

102. Fit-tielok lok, inżid li, fil-prattika, l-interpretazzjoni proposta minn ENEA u l-Kummissjoni twassal għal riskju ta' inklużjoni żejda identifikat fil-punt 69 ta' dawn il-konklużjonijiet. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni twassal sabiex jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat kull vantaġġ previst minn leġiżlazzjoni nazzjonali meta din timplika xi żvantaġġ għar-riżorsi ta' impriża li l-kapital tagħha huwa fil-parti l-kbira tal-Istat. Pereżempju, leġiżlazzjoni li tistabbilixxi prezz minimu ogħla mill-valur reali ta' oġġett jew ta' servizz għandha tkun ikklassifikata bħala għajnuna mill-Istat sa fejn impriża li hija fil-parti l-kbira tal-Istat takkwista dan l-oġġett jew dan is-servizz. Jidhirli li tali riżultat huwa diffiċilment rikonċiljabbli mas-sentenza van Tiggele [39].

103. Fl-opinjoni tiegħi, din l-interpretazzjoni tirriżulta minn qari formalistiku li jikkonsisti fil-konfużjoni artifiċjali ta' linji distinti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex inkun iktar preċiż, ma jidhirlix li huwa possibbli li jiġi kkunsidrat li l-kundizzjoni marbuta mal-imputabbiltà hija ssodisfatta minħabba l-preżenza ta' leġiżlazzjoni, skont il-punt 18 tas-sentenza Association Vent De Colère! *et* [40], u mbagħad li jiġi allegat li l-kundizzjoni marbuta mal-użu ta' riżorsi tal-Istat huwa ssodisfatt minħabba s-sehem maġġoritarju tal-Istat fil-kapital ta' impriżi previsti minn din il-leġiżlazzjoni, skont il-punt 38 tas-sentenza Stardust Marine [41]. Dawn iż-żewġ linji ta' ġurisprudenza jirrigwardaw fil-fatt każijiet distinti, jiġifieri dak ta' vantaġġ mogħti mill-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħa leġiżlattiva (sentenza Association Vent De Colère! *et*) u dak ta' vantaġġ mogħti mill-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu ta' kontroll bħala azzjonist maġġoritarju (sentenza Stardust Marine). Għalhekk, it-tagħlim tagħhom għandu jkun applikat b'mod isseparat.

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti nikkonkludi li s-sehem maġġoritarju tal-Istat fil-kapital ta' wħud mill-impriżi suġġetti għall-obbligu ta' provvista previst fl-Artikolu 9a(8) tal-Liġi dwar l-Enerġija ma jwassalx għal konstatazzjoni tal-użu ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

3) Fuq l-assenza ta' kontribuzzjoni obbligatorja jew ta' mekkaniżmu ta' kumpens

105. Fid-dawl ta' ċerti argumenti invokati mill-partijiet, nixtieq nerġa' niddistingwi fil-qosor il-fatti tal-kawża prinċipali minn dawk li taw lok għas-sentenzi Essent Netwerk Noord *et* u Association Vent De Colère! *et* [42].

106. Infakkar li dawn iż-żewġ sentenzi jirrigwardaw kontribuzzjonijiet obbligatorji li l-ammont u l-ħlas tagħhom kien stabbilit mil-liġi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali mekkaniżmi ta' finanzjament jikkostitwixxu interventi permezz ta' riżorsi tal-Istat [43].

107. Madankollu, il-fatti tal-kawża prinċipali għandhom ikunu distinti peress li ma jimplikaw ebda mekkaniżmu ta' finanzjament ekwivalenti li permezz tiegħu l-Istat Pollakk jorganizza l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji li l-ammont u l-ħlas tagħhom huwa previst mil-liġi.

39 Sentenza tal-24 ta' Jannar 1978 (82/77, EU:C:1978:10, punti 24 sa 26). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iffissar ta' prezz minimu bl-ingrossa ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, peress li l-vantaġġi li tali intervent fl-iffissar tal-prezzijiet jagħti lid-distributuri tal-prodott jaqgħu esklużivament fuq il-konsumaturi u ma jingħatawx, la direttament u lanqas indirettament, minn riżorsi tal-Istat.

40 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, (C-262/12, EU:C:2013:851).

41 Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni, imsejħa "Stardust Marine" (C-482/99, EU:C:2002:294).

42 Sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413) u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851).

43 Ara s-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punti 19 u 65 sa 75) u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 3 u 22 sa 37).

108. Fil-fatt, kif spjegajt fil-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-intervent tal-Istat Pollakk huwa limitat għall-istabbiliment ta' obbligu ta' provvista fuq il-forniturі ta' elettriku u l-istabbiliment ta' prezz massimu għall-bejgħ ta' elettriku lill-utenti finali.

109. F'tali kuntest, li huwa komparabbli ma' dak fil-kawża PreussenElektra, il-forniturі ta' elettriku ma humiex mandatarji tal-Istat sabiex jamministraw riżorsa tal-Istat, iżda għandhom obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess [44].

110. F'dan ir-rigward, nenfasizza li l-istabbiliment ta' prezz massimu għall-bejgħ ta' elettriku lill-utenti finali huwa intiż sabiex jidħol bejn l-interessi tal-forniturі ta' elettriku u dawk tal-utenti finali, kif argumenta l-Gvern Pollakk waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, billi jevita li dawk tal-ewwel ma jiġbrux mingħand dawk tat-tieni l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni.

111. L-istabbiliment ta' dan il-prezz massimu, li jillimita l-possibbiltà li l-forniturі ta' elettriku jiġbru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu ta' provvista, jippermetti wkoll li ssir distinzjoni bejn il-fatti tal-kawża prinċipali u dawk tal-kawża Association Vent De Colère! *et*, li kienet tirrigwarda leġiżlazzjoni nazzjonali li tiżgura b'mod partikolari l-kumpens sħiħ tal-ispejjeż li jirriżultaw minn obbligu ta' xiri ta' elettriku li joriġina mir-riħ [45].

112. Għall-kuntrarju ta' dak li tallega l-Kummissjoni, l-eżistenza ta' dan il-prezz ta' bejgħ massimu ma jimplikax li fornitur ta' elettriku bħal ENEA jamministra r-riżorsi tal-Istat fis-sens tal-ġurisprudenza L-Italja vs Il-Kummissjoni u Steinike & Weinlig [46].

113. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni stess, f'dawn iż-żewġ sentenzi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fondi li jiddependu minn kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat, li huma amministrati u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni, jistgħu jkunu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma amministrati minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika [47].

114. Madankollu, din il-ġurisprudenza ma hijiex rilevanti fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali peress li, kif diġà spjegajt hawn fuq, l-Istat Pollakk impona biss obbligu ta' provvista u prezz ta' bejgħ massimu, mingħajr ma stabbilixxa kontribuzzjoni obbligatorja jew fond ta' tqassim tar-rikavat minn dawn il-kontribuzzjonijiet.

115. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nikkunsidra li l-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jimplikax l-użu ta' riżorsi tal-Istat u, għalhekk, ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

4. Fuq il-kapaċità tal-vantaġġ li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni

116. Sabiex inkun eżawrjenti, u fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja ser tiddeċiedi li l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa ffinanzjat minn riżorsi tal-Istat, nixtieq neżamina fil-qosor il-kundizzjonijiet marbuta mal-kapaċità tal-vantaġġ li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

44 Ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punt 74) u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 34 sa 36).

45 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 14, 26, 36 u 37).

46 Sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, EU:C:1974:71) u tat-22 ta' Marzu 1977, Steinike & Weinlig (78/76, EU:C:1977:52).

47 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, EU:C:1974:71, punt 35) u tat-22 ta' Marzu 1977, Steinike & Weinlig (78/76, EU:C:1977:52, punti 1 u 21).

117. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit impatt effettiv tal-għajnuna mogħtija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda huwa meħtieġ biss li jiġi eżaminat jekk din l-għajnuna tistax tolqot dan il-kummerċ u toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni [48].

118. B'mod partikolari, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jkunu f'kompetizzjoni magħha fil-kummerċ fi ħdan l-Unjoni, dan tal-aħħar għandu jitqies bħala li huwa affettwat minn din l-għajnuna [49].

119. Barra minn hekk, ma huwiex neċessarju li l-impriża benefiċjarja stess tkun qed tipparteċipa fil-kummerċ intra-Ewropew. Fil-fatt, meta Stat Membru jagħti għajnuna lil impriża, din tista' tgħin biex tinżamm jew tiżdied l-attività domestika, bir-riżultat li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom inqas possibbiltà li jippenetraw is-suq tal-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, it-tisħiħ ta' impriża li, sa dakinhar, ma kinetx involuta f'kummerċ intra-Ewropew jista' jqiegħed lil dik l-impriża f'pożizzjoni li tippermetti li din tippenetra fis-suq ta' Stat Membru ieħor [50].

120. Fl-aħħar nett, ma jeżistix limitu jew perċentwali li, sakemm ma jintlaħaqx, wieħed jista' jikkunsidra li l-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jiġix affettwat. Fil-fatt, l-ammont relattivament żgħir ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir tal-impriża li tirċievi tali għajnuna, bħala tali, ma jeskludix *a priori* l-possibbiltà li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jista' jiġi affettwat [51].

121. Fil-kuntest tat-tilwima tal-kawża prinċipali, l-obbligu ta' provvista inkwistjoni jtejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, peress li jkabbar id-domanda għal dan it-tip ta' elettriku, li jwassal għal żieda tal-kwantitajiet mibjugħa u tal-prezz tal-bejgħ [52].

122. Konsegwentement, jidhirli li ma huwiex ikkontestat li dan l-obbligu jista' joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku.

123. Barra minn hekk, il-kummerċ intra-Ewropew huwa affettwat mill-imsemmi obbligu ta' provvista peress li dan itejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni, kemm fis-suq domestiku kif ukoll fl-esportazzjoni, meta mqabbla ma' produtturi ta' dan it-tip ta' elettriku fi Stati Membri oħra.

124. Inżid li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet il-punt 77 tas-sentenza Essent Netwerk Noord *et*, li għajnuna finanzjarja mogħtija lill-produtturi ta' elettriku fil-Pajjiżi l-Baxxi setgħet taffettwa l-kummerċ intra-Ewropew fid-dawl, minn naħa waħda, tal-fatt li dawn kienu f'kompetizzjoni mal-produtturi ta' elettriku ta' Stati Membri oħra, u min-naħa l-oħra, tal-kuntest ta' liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku u tal-kompetizzjoni qawwija li tirriżulta minnha [53]. Ma nara l-ebda raġuni li għaliha dan ir-raġunament ma jistax ikun estiż għall-fatti tal-kawża prinċipali.

48 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium (C-393/04 u C-41/05, EU:C:2006:403, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata) u tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 23).

49 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1980, Philip Morris Holland vs Il-Kummissjoni (730/79, EU:C:1980:209, punt 11); tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-75/97, EU:C:1999:311, punt 47) u tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-75/97, EU:C:1999:311, punt 47); tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg (C-280/00, EU:C:2003:415, punti 77 u 78) u tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235, punt 25).

51 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-142/87, EU:C:1990:125, punt 43); tad-29 ta' April 2004, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-278/00, EU:C:2004:239, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata); tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser (C-172/03, EU:C:2005:130, punt 32) u tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, EU:C:2008:413, punt 76).

52 Ara l-punti 58 sa 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008 (C-206/06, EU:C:2008:413). Madankollu l-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li l-ammonti mħallsa jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat sa fejn huma jirrappreżentaw vantaġġ ekonomiku u mhux kumpens għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku (punt 96 tas-sentenza). Ara, wkoll, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni (C-278/00, EU:C:2004:239, punt 70), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-fatt li l-impriżi benefiċjarji joperaw f'settur partikolarment espost għall-kompetizzjoni jista' jkollu rwol determinanti fl-evalwazzjoni tal-effett ta' għajnuna.

125. Għaldaqstant, jiena nqis li l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali huwa ta' natura li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

B. Fuq il-konsegwenzi tal-eżistenza ipotetika ta' għajnuna mill-Istat (it-tieni u t-tielet domandi)

126. Dawn iż-żewġ domandi saru biss mill-qorti tar-rinviju – u ma humiex rilevanti ħlief – fil-każ li l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jkun ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

127. Peress li jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda fis-sens li dan l-obbligu ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, jiena nipproponilha wkoll li ma tirrispondix għaż-żewġ domandi l-oħra magħmula.

128. Nixtieq madankollu neżaminahom fil-qosor, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dan l-obbligu jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

1. Fuq l-invokabbiltà minn ENEA ta' ksur tal-projbizzjoni ta' implementazzjoni ta' għajnuna mill-Istat (it-tieni domanda)

129. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk fornitur tal-elettriku, ittrattat "bħala emanazzjoni tal-Istat" u li kien suġġett għall-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali, jistax jinvoka ksur tal-Artikolu 107 TFUE quddiem il-qorti nazzjonali.

130. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-implementazzjoni ta' sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, kif tirriżulta fl-Artikolu 108 TFUE u mill-ġurisprudenza relattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija r-responsabbiltà, minn naħa, tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, tal-qrati nazzjonali [54].

131. Fil-fatt, filwaqt li l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżuri ta' għajnuna mas-suq komuni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li hija suġġetta għal stħarriġ mill-qrati tal-Unjoni, il-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi fil-każ ta' ksur tal-obbligu ta' notifika minn qabel tal-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni previst fl-Artikolu 108(3) TFUE [55].

132. Minn dan it-tqassim tal-irwoli bejn il-Kummissjoni u l-qrati nazzjonali jirriżulta li l-individwi ma jistgħux jinvokaw quddiem dawn tal-aħħar l-inkompatibbiltà ta' miżura ta' għajnuna mal-Artikolu 107 TFUE. Fi kliem ieħor, l-Artikolu 107 TFUE ma għandux effett dirett [56].

133. Mill-banda l-oħra, dawn l-istess individwi jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati nazzjonali l-implementazzjoni illegali ta' miżura ta' għajnuna fir-rigward tal-Artikolu 108(3) TFUE. L-intervent tal-qrati nazzjonali huwa dovut għall-effett dirett mogħti fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE [57].

54 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Fédération nationale du commerce extérieur des produits alimentaires u Syndicat national des négociants et transformateurs de saumon (C-354/90, EU:C:1991:440, punt 8) u tat-8 ta' Diċembru 2011, Residex Capital IV (C-275/10, EU:C:2011:814, punt 25).

55 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 1991, Fédération nationale du commerce extérieur des produits alimentaires u Syndicat national des négociants et transformateurs de saumon (C-354/90, EU:C:1991:440, punti 9 u 10) u tat-8 ta' Diċembru 2011, Residex Capital IV (C-275/10, EU:C:2011:814, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 1973, Capolongo (77/72, EU:C:1973:65, punti 4 sa 6); tat-22 ta' Marzu 1977, Iannelli & Volpi (74/76, EU:C:1977:51, punt 12), u tat-22 ta' Marzu 1977, Steinike & Weinlig (78/76, EU:C:1977:52, punti 9 u 10).

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1973, Lorenz (120/73, EU:C:1973:152, punti 7 u 8); tal-21 ta' Ottubru 2003, van Calster *et* (C-261/01 u C-262/01, EU:C:2003:571, punt 53), u tat-13 ta' Jannar 2005, Streekgewest (C-174/02, EU:C:2005:10, punt 17).

134. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li n-natura immedjatament applikabbli tal-projbizzjoni ta' implementazzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni testendi għal kull għajnuna li tkun ġiet implementata mingħajr ma tkun ġiet notifika u, f'każ ta' notifika, issir fil-fażi preliminari u, jekk il-Kummissjoni tibda l-proċedura kontradittorja, tibqa' sad-deċiżjoni finali [58].

135. Madankollu, il-qorti tar-rinviju rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx is-suġġett ta' notifika lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) TFUE [59]. Għalhekk, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-obbligu ta' provvista stabbilit minn din il-leġiżlazzjoni għandu jkun ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, għandu jiġi dedott li dan ġie implementat bi ksur ta' din id-dispożizzjoni.

136. F'dan il-kuntest, jiena ma nara ebda raġuni għaliex fornitur ta' elettriku, bħal ENEA, għandu jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jinvoka ksur tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE minħabba li l-kapital tiegħu huwa fil-parti l-kbira jew fl-intier tiegħu tal-Istat.

137. Kif ġustament targumenta l-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ammettiet diversi drabi l-possibbiltà li entità li tagħti għajnuna mhux innotifikata tipprevalixxi ruħha mill-Artikolu 108(3) TFUE sabiex tirkupra l-għajnuna jew twaqqaf l-għoti tagħha [60].

138. Konsegwentement, jiena nikkunsidra li hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li fornitur ta' elettriku bħal ENEA, suġġett għall-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali, jista' jipprevalixxi ruħu quddiem qorti nazzjonali minn ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

2. Fuq il-possibbiltà li tiġi imposta multa li tissanzjona r-rifjut tal-għoti ta' għajnuna mill-Istat (it-tielet domanda)

139. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-eventwali inkompatibbiltà tal-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni mal-Artikolu 107 TFUE teskludix il-possibbiltà li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq l-impriża li ma eżegwietx dan l-obbligu.

140. Kif spjegajt fis-sezzjoni preċedenti, l-individwi ma jistgħux jipprevalixxu ruħhom minn inkompatibbiltà mal-Artikolu 107 TFUE quddiem il-qrati nazzjonali, iżda mill-banda l-oħra jistgħu jipprevalixxu ruħhom minn ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

141. Konsegwentement, jiena nqis opportun li d-domanda tiġi rriformulata bħala li hija intiża sabiex, essenzjalment, jiġi stabbilit jekk l-eventwali implementazzjoni illegali, fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE, tal-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali teskludix il-possibbiltà li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq l-impriża li ma eżegwietx dan l-obbligu.

58 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Fédération nationale du commerce extérieur des produits alimentaires u Syndicat national des négociants et transformateurs de saumon (C-354/90, EU:C:1991:440, punt 11).

59 Ara l-punt 27 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60 Ara s-sentenzi tat-3 ta' Marzu 2005, Heiser (C-172/03, EU:C:2005:130); tat-8 ta' Diċembru 2011, Residex Capital IV (C-275/10, EU:C:2011:814) u tas-17 ta' Settembru 2014, Commerz Nederland (C-242/13, EU:C:2014:2224). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li individwu jista' jkollu interess li jirrikorri quddiem il-qrati nazzjonali għall-effett dirett tal-projbizzjoni tal-implementazzjoni prevista fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE mhux biss sabiex jitneħħew l-effetti negattivi tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni ġġenerata bl-għoti ta' għajnuna illegali, iżda wkoll bl-għan li jinkiseb ħlas lura ta' taxxa imposta bi ksur ta' din id-dispożizzjoni: ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2005, Streekgewest (C-174/02, EU:C:2005:10, punt 19).

142. Waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali, ġie żvelat disgwid bejn ENEA u l-Gvern Pollakk dwar l-użu magħmul, mill-Fond Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Ambjent u l-Amministrazzjoni tal-Ilma, tar-rikavat minn sanzjonijiet pekunjarji imposti skont l-Artikolu 56 tal-Liġi dwar l-Enerġija. Skont ENEA, dan il-fond uża r-rikavat minn dawn is-sanzjonijiet pekunjarji b'mod partikolari sabiex jagħti self u sussidji għal proġetti ta' produzzjoni ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni. Skont il-Gvern Pollakk, tali użu ma kienx awtorizzat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti ħlief sa mill-bidu tas-sena 2007.

143. F'dan ir-rigward, nenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistoqsija mhux dwar l-użu li sar minn dan il-fond mis-sanzjonijiet pekunjarji imposti skont l-Artikolu 56 tal-Liġi dwar l-Enerġija mill-imsemmi Fond, iżda eskluživament dwar il-miżuri nazzjonali li jistabbilixxu l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju ma jinkludi ebda dettall dwar l-użu tar-rikavat minn dawn is-sanzjonijiet pekunjarji. Mingħajr ma jiġi eskluż li dan l-użu jista' jimplika l-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, jiena nqis li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiddeċiedi f'dan ir-rigward fil-kuntest ta' din il-kawża.

144. B'hekk, wara li dan ġie ppreċiżat, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-obbligu ta' provvista inkwistjoni fit-tilwima tal-kawża prinċipali jikkostitwixxi għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, għandu mbagħad jiġi kkunsidrat li l-implementazzjoni illegali ta' dan l-obbligu, fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE, teskludi l-possibbiltà li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq l-impriża li ma eżegwietx dan l-obbligu.

145. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li sistema ta' sanzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni meta din tissanzjona l-ksur ta' obbligu li, fih innifsu, ġie kkonstatat bħala li jmur kontra d-dritt tal-Unjoni [61].

VI. Konklużjoni

146. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mis-Sąd Najwyższy – (qorti suprema, il-Polonja) bil-mod kif ġej:

L-obbligu ta' provvista ta' elettriku prodott mill-koġenerazzjoni impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jiġi kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, peress li l-vantaġġ li huwa jagħti lill-produtturi ta' dan it-tip ta' elettriku ma huwiex mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat.

61 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Far 1978, Schonenberg *et* (88/77, EU:C:1978:30, punt 16); tat-28 ta' Marzu 1979, Rivoira (179/78, EU:C:1979:89, punt 14); tat-3 ta' Lulju 1980, Pieck (157/79, EU:C:1980:179, punt 16), u tal-11 ta' Settembru 2003, Safalero (C-13/01, EU:C:2003:447, punt 45).